**Noti Bijografiċi**
**Ta' Surmastrijiet fi Ħdan il-Għaqda Mużikali Sant'Andrija (III)**
**U l-*Compagnia del Teatrino 'La Stella'***

Astratt: Fl-artikli tiegħi li dehru fil-kotba tal-festa tal-2019, pp.159-165, u dak tal-2021, pp.78-86, kont tajt bidu għal sensiela ta' noti bijografiċi tas-surmastrijiet fi ħdan il-Banda Luqija li ma nsibuhomx fl-appendiċi C, p.380, tal-ktieb ta' Jesmond Grech (Għaqda Mużikali Sant'Andrija: 2008). Dawn s'issa kienu: Mro Carmelo Abela [Farrugia], Mro Carmelo Doneo, Mro Spiridione Zammit (1859-1921) u Mro Antonio Pace (1878-1950), li kienu t-tieni [1888-9], il-ħames [1891-2], it-tmien [1896-1900] u d-disa' [1900-7] surmast rispettivament. Fil-ktieb tal-2021 kont għedt xi ħaġa wkoll dwar is-surmast l-ieħor, Mro Luigi Barbosa (?-?), ir-raba' wieħed fil-lista tad-diretturi mużikali tas-Soċjetà li mexxa bejn l-1890 u l-1890. Għal dis-sena, ħsibt li nkellimkom fuq tnejn oħrajn: Mro Salvatore Spiteri (?-?) u Mro Antonio Cassar ((?-?), li jiġu s-seba' u l-għaxar surmast tal-banda rispettivament. F'dan l-artiklu wkoll, se ngħid xi ħaġa dwar l-*Compagnia del Teatrino 'La Stella'* li twaqqfet fi ħdan is-Soċjetà fl-aħħar snin tas-seklu dsatax u baqgħet topera fl-ewwel żewġ deċennji u nofs tas-seklu l-ieħor.

Kliem muftieħ: Ħal Luqa; San Ġiljan; Mro Salvatore Spiteri; Mro Antonio Cassar; Compagnia del Teatrino 'La Stella'; University of Malta 'Ġ.F. Abela' Junior College; Għaqda Mużikali 'Sant'Andrija' (Ħal Luqa); Għaqda Każini tal-Banda (GĦKB)

**Mro Salvatore Spiteri** (?-?) [1893-1896]: Il-ħatra tiegħu bħala surmast-direttur kienet tikkoinċidi mal-għaxar snin ħajja tas-Soċjetà mwielda fl-1883. Iżda dwaru qajla nafu xi ħaġa. Il-ftit tagħrif itihulna Jesmond Grech fil-ktieb tiegħu li kien ħareġ fl-okkażjoni tal-125 sena mit-twaqqif tal-Għaqda Mużikali 'Sant'Andrija', pp.55-6. Fost is-servizzi li saru taħt id-direzzjoni tiegħu nsibu wieħed li kien sar f'San Ġiljan fis-sajf tal-1894, fejn kien ġie eżegwit programm mużikali. Dan kien aktarx l-ewwel servizz tiegħu bħala surmast-direttur barra minn pajjiżu. Għal das-subborg marittmu, din id-data hija importanti ħafna għall-fatt li sena qabel, proprju fit-13 t'Awwissu, kienet inġiebet il-vara ta' San Ġiljan – ħidma artistika tal-aħwa Darmanin. Din kienet tħallset mill-benestant Belti Salvatore Mattei, iben Carlo, li kien wieħed mill-villeġġjanti l-antiki t'hemmhekk. Dan ir-rigal, li minbarra l-indoratura ma sewiex iżjed minn £26, kien ingħata sentejn biss wara li l-knisja ta' San Ġiljan inqatgħet minn ma' Birkirkara u ġiet mgħollija għall-grad ta' waħda parrokkjali, b'Dun Ġużepp Xerri D.D. (1823-1897) bħala l-ewwel kappillan. Dil-ġrajja storika seħħet fl-1 ta' Settembru 1891.


L-istatwa ta' San Ġiljan – xogħol tal-1893 tal-istatwarju Karlu Darmanin

Fil-ktieb tiegħu, Grech jgħarrafna wkoll li l-Banda Luqija dejjem tat sehemha fil-festa ta' raħalha sa mit-twaqqif tagħha sa tmiem is-seklu dsatax. Skont il-ġurnal *Malta*, il-Banda tat programm l-Erbgħa, 29 ta' Novembru 1893 taħt id-direzzjoni tiegħu, u li fost il-bċejjeċ eżegwiti kien hemm il-Polka *La Ballerina* tas-surmast Gavino Camilleri (1853-1914). L-istess ġurnal tax-xahar ta' wara jsemmi li kien ittella' programm ieħor fir-raħal nhar id-29 ta' Diċembru tal-istess sena. Fih kienet indaqqet il-*Marcia* 'San Andrea' ta' Mro Gaetano Grech (1855-1933). Dal-kunċert kien sar biex ifakkar l-għaxar anniversarju mid-debutt tagħha. Għall-festa tas-sena ta' wara, il-Banda 'Sant'Andrija', dejjem taħt il-bakketta ta' Mro Antonio Spiteri bħala surmast-direttur, daqqet żewġ programmi f'lejlet u nhar il-festa li fihom iżanżnet il-*Marcia* 'San Andrea' tiegħu. Jista' jkun li l-festa tal-1896 kienet l-aħħar waħda għalih, tant li fil-programm li ttella' f'lejlietha f'misraħ il-knisja ma ndaqqewx xogħlijiet minn tiegħu. Tajjeb ngħidu hawnhekk, li das-surmast m'għandniex nitfixkluh m'ieħor li jġib l-istess isem u kunjom – Mro Salvu Spiteri (1886-1938) – li kien imexxi lill-istess Banda bejn l-1922 u l-1932. L-uniku mod kif wieħed jista' jevita dan huwa billi lill-

wieħed insejħulu Salvatore u lill-ieħor Salvu. Dan l-iżball narawh jiġri fl-indiċi tal-ismijiet fl-istess ktieb ta' Jesmond Grech, p.467, kif ukoll fil-kitba ta' Ivo Seychell u Carmelo Baldacchino, fil-ktieb 'L-Istorja tal-Każini tal-Baned f'Malta u Għawdex' (Vol. 2), p.218. L-istess jiġri f'p.52 tal-ktieb 'Il-Każini tal-Baned ta' Malta u Għawdex' (PEG, 2001), fejn l-awtur, Joseph Grech, itihom it-tnejn Salvatore bħala isem. Mill-ftit riċerka li għamilt ma jirriżultax li Mro Salvatore Spiteri kien surmast ta' xi banda oħra ħlief dik Luqija u li tagħha kien is-seba' wieħed.


Mro Antonio Cassar

**Mro Antonio Cassar** (?-?) [1907-1908]: Lil dan is-surmast – l-għaxar wieħed fil-lista tas-surmastrijiet diretturi tal-Banda 'Sant'Andrija' – nafuh mill-ftit informazzjoni li jtina Grech u mir-ritratt kbir tal-1907 li fih jidher bħala s-surmast tal-*Orchestra San Andrea*. Jidher li, għal xi żmien dil-orkestra għaddiet f'idejh wara d-dimissjoni tas-surmast ta' qablu, Mro Antonio Pace (1878-1950). Il-kariga ta' Mro Antonio Cassar aktarx kienet waħda temporanja sakemm instab surmast ġdid fil-persuna ta' Mro Paolo Vella (1874-1948). L-orkestra msemmija kienet twaqqfet uffiċjalment fil-11 t'April 1906 u baqgħet tiffunzjona sakemm Mro Antonio Miruzzi (1867-1944) – it-tnax-il surmast tas-Soċjetà – irriformaha fl-1915, megħjun mis-soċi-mużiċisti Salvatore Azzopardi (1892-1976) u Vincenzo Caruana Spiteri (1896-1932), fil-banda kif nafuha llum. Jidher li l-banda riformata għamlet l-ewwel programm tagħha malli spiċċat l-Ewwel Gwerra, bl-innu tal-Banda ta' Miruzzi, aktarx fuq versi bit-Taljan, jindaqq għall-ewwel darba. Mhux magħruf x'servizzi setgħu ngħataw mill-orkestra kemm damet taħt il-bakketta tiegħu, iżda wieħed jista' jassumi li ħadet sehem fil-funzjonijiet tal-Ġimgħa l-Kbira u fit-tridu tal-festa ta' Sant'Andrija, kif ukoll f'xi programmi pubbliċi fir-raħal u/jew barra l-pajjiż.

*Compagnia del Teatrino 'La Stella'*


Impressjoni artistika ta' xena minn Salvu Micallef [Grech: 60]

Uħud mill-bandisti kienu jiffurmaw ukoll parti mill-kumpanija tat-teatrin fi ħdan l-istess każin. Meta mbagħad, twaqqfet l-*Orchestra San Andrea* fl-1906, xi membri tagħha kienu jipprovdu d-daqq waqt l-intervalli, fejn fihom kienu jittellgħu wkoll xi lotteriji li jistgħu jrebbħuk xi lampa jew sempliċi tiġieġa. Il-qligħ mir-reċti kien imur biex ikopri parti mill-ispejjeż 'li kien jieħtieġ każin tal-banda armat u organizzat hekk tajjeb.'[1]

Id-daqq bejn reċta u oħra kien aktarx jikkonsisti f'mużika taż-żfin minn kwartett magħmul minn flawt, żewġ vjolini u klarinett baxx bħalma nsibu fil-*Ballabile* ta' Mro Miruzzi. F'dawn is-*suites* wieħed isib marċi, mażurki, polki, valzi, *one-step* jew *two-step*, u *barn dances*. Dawn aktarx kienu jinżifnu minn xi grupp żagħżugħ ta' żeffiena bil-parteċipazzjoni forsi wkoll tal-udjenza. Fir-ritratt t'hawn fuq tidher impressjoni artistika ta' xena mpittra minn Salvu Micallef[2] (1863-1934), li kien idoqq il-bumbardun (l-ewfonju) mal-orkestra u li kien responsabbli ukoll minnha. Min-naħa tiegħu, Carmelo Fenech[3] (1910-1941), minbarra li kien idoqq it-tromba mal-orkestra, kien jieħu ħsieb ukoll il-palk xeniku bl-affarijiet tiegħu kollha. L-aħwa Sapiano wkoll kienu involuti, Mikiel kien jikteb id-drammi filwaqt li Ġużeppi kien jirreċta. Anġlu Fiott, li kien idoqq il-klarinett, kellu f'idejh il-vestwarju tat-teatrin li kien jinkludi l-kostumi u ħwejjeġ tal-epoka.

---

[1] Seychell/Baldacchino, p.218.
[2] Ara p.424.
[3] Ara p.429.

L-ewwel ħjiel ta' din il-kumpanija teatrali jmur lura għal Diċembru tas-sena 1898 meta mir-reġistri tal-kaxxier ta' dak iż-żmien insibu li nxtraw xi affarijiet b'rabta ma' rappreżentazzjonijiet teatrali li kellhom isiru fl-ewwel tliet xhur tas-sena ta' wara. Infatti, f'Jannar u Frar tal-1899 kien inxtara il-vestwarju għas-somma totali ta' ħmistax-il xelin u nofs biex ittellgħet l-ewwel reċta, *Toni Bajjada,* u oħra f'Marzu, *L-Għarusa tal-Mosta*. Mill-istess reġistri nsiru nafu li, bejn Jannar u April tal-1899 ittellgħu mhux anqas minn 14-il reċta. Għaldaqstant, jidher li l-Kumitat kien jieħu din il-faċenda tat-teatrin bl-akbar serjetà u kien lest li joħroġ il-flus għalih peress li kien fih introjtu qawwi. Skont l-inventarju tal-1905, it-teatru kien fih tnax-il kwinta[4] u tlettax-il xena, b'erba' minnhom impittrin miż-żewġ naħat. Dawn kienu magħmulin mill-karti jonkella mix-xoqqa. Il-palk kellu purtiera kbira li kienet tintuża bħala siparju biex tifred 'l-udjenza mill-atturi qabel ma tibda r-rappreżentazzjoni. Is-sala wkoll kienet mgħammra b'erba' kwadri ta' prestiġju, għax kieku ma kinux jitniżżlu fl-inventarju. Dan minbarra xi għamara li soltu tintuża għall-messanxena[5].

| | Kunjom | Isem | Strument | | Kunjom | Isem | Strument |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | | | |
| 01 | Agius | Raffaele | ? | 06 | Fenech | Carmelo | Tromba |
| 02 | Azzopardi | Carmelo | Vjolin | 07 | Grech | Giuseppe | Flawt |
| 03 | Cassar | Paolo | Vjolin | 08 | Micallef | Andrea[6] | Vjolin |
| 04 | Cremona | Antonio | ? | 09 | Saliba | Giov. M. | Vjolin |
| 05 | Debono | Salvu | Vjolin | 10 | Zammit | Giuseppi | Vjolin |


Rappreżentazzjoni ta' waħda mir-reċti li kienu jsiru fil-każin [Grech: 85]

Fit-tabella t'hawn fuq insibu li, għaxra mill-ewwel grupp ta' 19-il żagħżugħ li kienu jiffurmaw il-*Compagnia del Teatrino 'La Stella'* fl-1905 kienu jdoqqu wkoll xi strument fl-*Orchestra San Andrea*. Mit-tabella wieħed malajr jinnota wkoll li fil-kumpanija kont issib irġiel biss, b'xi wieħed jew tnejn fosthom li jagħmluha ta' nisa. Iżda mhux l-ewwel darba li l-kumpanija kienet titlob s-servizz ta' xi attriċi 'professjonali' minħabba n-natura tar-reċta. Hekk ġara fil-każ tar-reċta ta' *L-Għarusa tal-Mosta*, fejn il-prima donna Teresina Natoli ntalbet biex taħdem il-parti prinċipali u li għaliha tħallset erba' xelini u nofs – liema ħlas kien jinkludi wkoll it-trasport u l-provi.

Safejn kien ikun possibbli, l-istess vestwarju kien jintuża għal aktar minn darba, speċjalment kostumi mhux tal-epoka. Ġieli wkoll, xi kostumi kienu jinkrew lil terzi persuni għal aktar qligħ. Dawk il-membri fil-kumpanija li kienu jieħdu sehem f'xi reċta – minbarra li kienet tingħatalhom bibita friska waqt il-provi u/jew ir-reċta – kien jingħatalhom ukoll biljett b'xejn, filwaqt li l-oħrajn li ma kienx ikollhom parti kienu jridu jħallsu sold. Min-naħa l-oħra, is-soċi kienu jħallsu sold u nofs, filwaqt li l-barranin, tliet soldi. Id-dħul minn dawn ir-reċti kien ta' 18-il xelin (€2) kull darba. Mhux magħruf sa meta din il-kumpanija baqgħet topera. Nimmaġina iżda, li żgur mhux aktar tard mill-1923, meta mbagħad, is-Soċjetà daħlet fit-tielet sede tagħha f'nru 1, Strada Brittanika.

---

[4] Din tkun magħmula mid-drapp jew tal-injam. Normalment, ikun hemm xi erbgħa minnhom fuq kull naħa tal-palk bejn panniġġ u ieħor, u t-tul tagħhom ikun mill-panniġġ sal-art. Iservu biex jagħlqu l-palk mill-ġnub u jgħattu lil min ikun wara l-palk. (Mahoney: 85)

[5] L-armar tal-palk: ngħidu aħna l-messanxena fl-ewwel att teħtieġ sufan, pultruna u mejda, eċċ. (Mahoney: 85)

[6] Il-familja tal-perit Andrea Micallef (1884-1966) kellha rabta mill-qrib mal-Għaqda Mużikali Sant'Andrija. Ħuh u l-kuġini, kif ukoll zijuh Salvatore, kollha kienu jdoqqu xi strument tal-banda, filwaqt li missieru Gio Franġisk u zijuh l-ieħor Giuseppe, it-tnejn servew bħala presidenti tas-Soċjetà. Minbarra li kien idoqq il-vjolin fl-orkestra msemmija bejn l-1907 u l-1912, Andrea kien ukoll is-segretarju tas-Soċjetà. (p.427)

L-artiklu qed jitwassal ’il-qarrejja Luqin fl-okkażjoni tal-festa titulari ta’ Sant’Andrija li ta’ kull sena tiġi solennement iċċelebrata f’Ħal Luqa.

Aktar artikli mill-istess awtur jinsabu fuq OAR@UoM (https://www.um.edu.mt/library/oar/)